

Dikjarazzjoni



Dikjarazzjoni dwar ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u r-rwol futur tal-Awtoritajiet Superviżorji u l-EDPB

Adottata fid-19 ta' Novembru 2020

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

L-ewwel nett, l-EDPB jixtaq li din id-dikjarazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet preċedenti tiegħu, inkluża d-dikjarazzjoni 3/2019¹ u d-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018². Ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika ma jrid taħt l-ebda ċirkustanza jbaxxi l-livell ta' protezzjoni offruta mid-Direttiva attwali dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE, iżda għandu jikkomplementa lir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) billi jipprovdi garanziji addizzjonali b'saħħithom għall-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tat-tipi kollha ta' komunikazzjoni elettronika.

It-tieni nett, l-EDPB jilqa' l-għan tal-Presidenza tal-Kunsill li jintlaħaq Approċċ Ġenerali sabiex jinbnew in-negozjati mal-Parlament Ewropew u jiġi adottat ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika malajr kemm jista' jkun. Madankollu, l-EDPB huwa mħasseb dwar xi orjentazzjonijiet ġodda tad-

¹ Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Dikjarazzjoni 3/2019 dwar Regolament dwar il-Privatezza Elettronika, adottata fit-13 ta' Marzu 2019, disponibbli fuq:

https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/201903_edpb_statement_eprivacyregulation_en.pdf

² Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u l-impatt tiegħu fuq il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom, adottata fil-25 ta' Mejju 2018, disponibbli fuq:

https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_statement_on_eprivacy_mt.pdf

diskussjonijiet fil-Kunsill relatati mal-infurzar tar-Regolament futur dwar il-Privatezza Elettronika, li joħolqu frammentazzjoni tas-superviżjoni, kumplessità proċedurali, kif ukoll nuqqas ta' konsistenza u ċertezza legali għall-individwi u l-kumpaniji.

L-EDPB ifakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost għandu l-għan li jiżgura l-applikazzjoni uniformi tiegħu f'kull Stat Membru u f'kull tip ta' kontrollur tad-*data*. Kwalunkwe bidla proposta fl-abbozz ta' Regolament li tista' timmina dan l-oġjettiv għandha tiġi evitata biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għal kull fornitur u biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bħala dritt fundamentali protett skont il-Karta, filwaqt li titqies ukoll il-każistika applikabbli tal-QtĠ-UE.

Fir-rigward tad-diskussjonijiet li għaddejjin relatati mal-ipproċessar ulterjuri tal-metadata tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-EDPB itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ tar-Regolament propost, ibbażat fuq projbizzjonijiet wiesgħa, eċċezzjonijiet ristretti u l-użu tal-kunsens, filwaqt li jenfasizza għal darb'oħra li l-metadata ta' komunikazzjoni elettronika xorta tista' tiġi pproċessata mingħajr kunsens wara li tkun ġiet ġenwinament anonimizzata.

L-EDPB jilqa' wkoll l-inklużjoni ta' regoli fl-Artikolu 8 rigward l-inklużjoni ta' referenza għall-informazzjoni koperta mis-servizzi tax-xandir televiżiv jew l-aġġornamenti tas-software, li għandhom jitfasslu b'mod li jiffavorixxi l-privatezza. L-EDPB jesprimi dispjaċir ukoll għall-opportunità mitlufa li tingħata gwida ċara dwar l-hekk imsejħa "cookie walls".

It-tielet nett, l-EDPB jixtieq jissottolinja li ħafna dispożizzjonijiet tar-Regolament futur dwar il-Privatezza Elettronika jikkonċernaw l-ipproċessar ta' *data* personali. Għal dawn l-attivitatiet ta' pproċessar, l-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi sorveljanza minn awtorità indipendenti. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali u biex tiġi ggarantita ċ-ċertezza tad-dritt u proċedurali, din is-sorveljanza għandha tiġi fdata lill-istess awtoritajiet nazzjonali, li huma responsabbli għall-infurzar tal-GDPR kif propost inizjalment mill-Kummissjoni Ewropea³. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni Ewropea saħqet li japplika l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza previst skont il-GDPR. Barra minn hekk, hija stabbiliet li l-awtoritajiet superviżorji kollha li jimmonitorjaw ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika għandhom ikunu indipendenti.

Barra minn hekk, sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku diġitali, huwa essenzjali li jiġu żgurati interpretazzjoni u infurzar armonizzati tal-elementi tal-ipproċessar tad-*data* personali tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika madwar l-UE. Il-Kapitolu VII tal-GDPR diġà jipprevedi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza li jaħdem sew fil-qafas tal-EDPB: dan il-mekkaniżmu għandu jintuża wkoll għas-superviżjoni tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika fl-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* personali tiegħu.

Ikun ta' benefiċċju wkoll għall-kontrolluri tad-*data* li jkollhom punt ta' kuntatt uniku għall-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-*data* personali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika: il-kontrolluri tad-*data* ma jkollhomx għalfejn jittrattaw ma'

³ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' *data* personali f'komunikazzjonijiet elettroniċi u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika), Brussell, l-10 ta' Jannar 2017, disponibbli fuq:<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52017PC0010>

diversi awtoritajiet regolatorji, li inkella jistgħu jwasslu għal standards u interpretazzjonijiet diverġenti. Dan ma jipprekludix lil awtoritajiet oħra kkonċernati milli jkunu responsabbli għal partijiet, li mhumiex relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali, filwaqt li jikkoperaw ukoll mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fejn meħtieġ. L-EDPB jixtieq ifakkar ukoll li hemm interkonnessjoni ċara tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttiva attwali dwar il-Privatezza Elettronika u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*⁴. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tad-Direttiva attwali dwar il-Privatezza Elettronika u r-Regolament futur dwar il-Privatezza Elettronika ma għandhomx jiġu applikati waħedhom, meta jkunu marbutin mal-ipproċessar tad-*data* personali u mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. L-interpretazzjoni u l-infurzar konsistenti taż-żewġ settijiet ta' regoli, meta jkopru l-protezzjoni tad-*data* personali, għalhekk jiġu ssodisfati bl-aktar mod effiċjenti, jekk l-infurzar ta' dawk il-partijiet tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR jiġu fdati lill-istess awtorità. Fil-qosor, ir-Regolament futur dwar il-Privatezza Elettronika għandu jiġi fformulat biex itejjeb din is-sitwazzjoni proċedurali minflok iżid il-kumplessità.

Barra minn hekk, hemm riskju li l-Kunsill joħloq aktar inċertezza proċedurali f'każ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li mhumiex membri tal-EDPB ikollhom jinteraġixxu mal-EDPB. Ir-Regolament futur dwar il-Privatezza Elettronika għandu jstabbilixxi qafas ċar għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* bħala awtoritajiet superviżorji kompetenti skont il-GDPR u awtoritajiet li għandhom l-għarfien espert xieraq, sabiex il-kooperazzjoni tagħhom tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw Regolament dwar il-Privatezza Elettronika aktar effettiv u konsistenti kif propost inizjalment mill-Kummissjoni Ewropea u kif emendat mill-Parlament Ewropew.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

⁴ Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, Opinjoni 5/2019 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fit-12 ta' Marzu 2019, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/noukogu-arvamus-artikkel-64/opinion-52019-interplay-between-eprivacy_en